**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2043**

**tal-24 ta' Ottubru 2022**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2015/1755 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1755 tal-1 ta' Ottubru 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Burundi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-1 ta' Ottubru 2015, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2015/1755.

(2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li tliet persuni jitneħħew mil-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li huma soġġetti għal miżuri restrittivi, kif tinsab fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/1755.

(3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/1755 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/1755 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-24 ta' Ottubru 2022.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
A. HUBÁČKOVÁ

([1]) ĠU L 257, 2.10.2015, p. 1.

*ANNESS*

Fl-Anness I għar-Regolament (UE) 2015/1755 (Lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 2), jitħassru l-entrati li ġejjin:

— daħla1 (Godefroid BIZIMANA);

— daħla 2 (Gervais NDIRAKOBUCA psewdonimu NDAKUGARIKA);

— daħla 4 (Léonard NGENDAKUMANA).